MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Avviz Numru. 481/2004

**Milano Due Limited (C 10077)**

**Vs**

**Alfred Attard (ID 434151M) u martu Carmela Attard (ID 445254M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fit-3 ta' Settembru, 2004 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna l-konvenuti li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u seba' mija u zewg liri Maltin u hames centezmi (Lm2,702.05) rapprezentani beneficcju socjali illi l-konvenuti hadu mid-dipartiment tas-Sigurta Socjali in konnessjoni ma' *injury leave* u *sick leave* waqt l-impjieg tal-konvenut Alfred Attard mas-socjeta' attrici, liema ammont thallas mis-socjeta' attrici lill-konvenuti u li l-konvenuti naqsu illi jirrifondu lis-socjeta' attrici.

Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz ghas-smiegh sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 1759/04, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Preliminarjament illi l-eccipjenti Carmela Attard ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici, tharrket inutilment u ghalhekk ghandha tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Preliminarjament ukoll, illi l-avviz tas-socjeta' attrici huwa null u bla effett a tenur ta' l-Artikolu 789 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu ma fihx tifsira cara u sewwa ta' l-oggetti u r-raguni tat-talba kontra l-konvenuti a tenur ta' l-Artikolu 156(1)(a), liema nuqqas johloq ukoll pregudizzju lill-konvenuti stante li ma tqeghdux f'posizzjoni li jiddefendu ruhhom mill-allegazzjonijiet diretti kontra taghhom, u senjatament illi l-avviz huwa kontradittorju u johloq kunflitt lampanti bejn il-fatti kif esposti u t-talbiet;
3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ma ghandu ebda obbligu legali jew kontrattwali li jhallas lis-socejta' attrici ammonti minnu percepiti minghand terzi in linea ta' beneficcju socjali;
4. Illi, subbordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz qieghed jigi kontestat;
5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi f'wahda mill-eccezzjonijiet preliminari taghhom, il-konvenuti qeghdin iqajjmu n-nulita' tac-citazzjoni peress illi din ma tinkwadrax fil-kuntest ta' l-artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12, li tghid li c-citazzjoni ghandha titlesta mill-attur u ghandu jkun fiha tifsir car u sewwa ta' l-oggett u r-raguni tat-talba.

Il-Qorti ma jidhrilhiex li dan l-artikolu japplika ghall-Qorti tal-Magistrati.

Jibda biex jinghad, li l-artikolu qieghed taht it-titolu, “Fuq il-Procediment Citazzjoni” li huwa l-metodu ordinarju quddiem il-Qrati Superjuri. Ghal dak li jirrigwarda l-Qorti tal-Magistrati, hemm l-artikolu 171(1) ta’ l-istess Kap. 12 fejn jghid illi l-procediment jitmexxa bil-mod tac-citazzjoni li ssir f’ghamla ta’ avviz semplici ffirmat mir-registratur, li jkun fih l-isem u l-kunjom ta’ l-attur u tal-konvenut, it-talba ta’ l-attur u l-jum u l-hin meta l-konvenut ghandu jidher. Terga l-kawza ghandha titmexxa sommarjament skond l-artikolu 215.

Ghalhekk, dan jaghmilha cara illi fil-kaz ta’ procediment quddiem il-Qorti tal-Magistati, l-avviz ghandu jkun fih biss dak illi nghad aktar il-fuq u cioe’ l-isem u l-kunjom ta’ l-attur, tal-konvenut u t-talba ta’ l-attur, fuq liema talba m’hemmx ghalfejn tkun akkompanjata b’kawzali dettaljati bhalma hija l-procedura formali li ssir quddiem il-Qrati Superjuri.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi din l-eccezzjoni m’ghandhiex fondament u timmerita li tkun michuda.

Ghal dak illi jirrigwarda l-meritu, rrizulta mill-provi li l-konvenut Alfred Attard kien ilu tmien snin impjegat mas-socjeta’ attrici bhala *dish washer*. Fl-4 ta’ Gunju, 2003 kellu xi ncident u beda jithallas l-*injury benefits* mid-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali.

Adrian Attard, a fol. 16, spjega li l-konvenut Attard baqa’ jithallas sal-15 ta’ Ottubru, 2004, izda bejn l-4 ta’ Gunju, 2003 u t-30 ta’ Gunju, 2004 rcieva l-ammont ta’ elfejn, tmien mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm2,829.23) direttament. Gie esebit prospett a fol. 18 u 19 li juri l-pagamenti maghmula direttament lill-konvenut.

Frank Pulis a fol. 20 *general manager* tal-lukanda Milano Due, qal illi huwa beda fl-impjieg fis-26 ta’ Lulju, 2004 u

nduna b'certi anomaliji fejn jirrigwarda l-hlasijiet maghmula lill-konvenut, fejn waqt li kien qed jircievi l-beneficcji mis-Sigurta' Socjali, kien qed jircievi wkoll il-paga shiha. Minkejja illi ghamel xi ricerka biex jara jistax isib xi arrangament li seta' kien hemm bejn il-konvenut u l-*general manager* ta' qablu, ma sab xejn. L-impjieg tal-konvenut gie terminat formalment fil-31 ta' Awissu, 2004.

Fit-23 ta' Lulju 2004 d-dipartiment rrikonoxxa formalment l-ammonti li kien qed ihallas lill-konvenut permezz ta' ittra mibghuta lis-socjeta' attrici, liema ittra tinsab esebita a fol. 25 ta' process u ggib id-data tat-23 ta' Lulju, 2004. Cristina Frendo li hija *accounts supervisor* mas-socjeta' attrici [fol. 30] qalet illi hija ilha tahdem mas-socjeta' attrici minn Awissu, 2002 u qalet fost affarijiet ohra li, "Is-socjeta' attrici baqghet thallsu l-paga kollha, pero' bil-kondizzjoni illi jekk huwa jircievi xi beneficcji mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, allura f'dak il-kaz huwa jkun irid jirrifondi d-differenza. Il-konvenut pero' ma qalilna xejn u ahna bqajna naghtuh il-paga kollha. Meta rajt illi ghadda z-zmien, kont jien stess illi cempilt lid-dipartiment u ndagajt li fil-fatt id-dipartiment kien hallas lill-konvenut l-ammont reklamat fl-Avviz." Hija tkompli tghid illi meta kienet tistaqsi lill-konvenut kienx jircievi xi beneficcji mis-Servizzi Socjali, kien jghidilha le.

Il-konvenut [fol. 34] jammetti illi kien qed jircievi l-*injury benfit* flimkien mal-paga shiha. Dan qal illi sar b'arrangament ma' Mark Grima li kien *joint manager* tal-kumpanija. Pero' jirrikonoxxi illi ftehim bil-miktub ma kienx hemm. Jammetti li lil Ms Frendo qatt ma qalilha xejn dwar il-ftehim mas-Sur Grima, peress illi ma kinitx *accountant* u ghalhekk ma kellux ghalfejn jghidilha.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, ma hemmx dubju illi l-konvenut Alfred Attard kien qed jircievi l-beneficcji mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali waqt li wkoll kien qieghed jircievi l-paga shiha mis-socjeta' attrici. Din hija sitwazzjoni anomala fejn il-konvenut kien qieghed jibbenefika minn zewg entitajiet meta ma kellu l-ebda dritt

jaghmel dan.  Ladarba kien qed jircievi pagament mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ma kellux dritt ukoll jircievi paga shiha minghand is-socjeta' attrici, li kellha thallas biss id-differenza, jekk kien hemm, bejn dak li jircievi mid-dipartiment u l-paga tieghu.  Izda dan ma sarx u l-konvenut baqa' jircievi l-paga shiha.  Ma giex pruvat fi grad li trid il-ligi li kien hemm xi ftehim specjali bejn il-konvenut u s-socjeta' attrici .

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi l-konvenut rcieva l-flus b'mod irregolari biex ma tintuzax il-kelma b'ingann, u ghandu jirrifondi lis-socjeta' attrici l-ammont kollu li huwa rcieva minghand d-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

Peress illi skond il-prospett esebit minn Adrian Attard, hemm differenza bejn dak indikat fil-prospett u t-talba fl-avviz, il-Qorti ma tistax tmur oltre dak li hemm mitlub fl-avviz u ghalhekk ser tillimita t-talba taghha ghall-ammont mitlub.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lis-socjeta' attrici  s-somma ta' elfejn u seba' mija u zewg liri Maltin u hames centezmi (Lm2,702.05) rapprezentani beneficcju socjali illi l-konvenuti hadu mid-dipartiment tas-Sigurta Socjali in konnessjoni ma' *injury leave* u *sick leave* waqt l-impjieg tal-konvenut Alfred Attard mas-socjeta' attrici, liema ammont thallas mis-socjeta' attrici lill-konvenuti u li l-konvenuti naqsu illi jirrifondu lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz ghas-smiegh kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------